MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2014

Numru. 190/2010

**Il-Pulizija**

**Spettur Edmond Cuschieri**

**VS**

**Noel Tagliaferro, detentur tal-karta tal-identita' numru 40078M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Noel Tagliaferro** li gie akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer u cioe' nhar id-29 ta' Lulju, 2008 ghall-habta ta' 12.15pm (nofsinhar u kwart) f'salib it-toroq bejn Triq il-Banijiet Rumani u Triq Ghajn Tuffieha, limiti tal-Imgarr, Malta, saq vettura ta' ghamla Isuzu (truck) liema vettura ghandha n-numru tar-registrazzjoni LCB428 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz, (Art 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, saq l-istess vettura b'velocita' eccessiva u dan ai termini tal-Artikolu 127 tal-Avviz Legali 128/94;

3. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Pasquale Tagliaferro (Art 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

4. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna hruq jew ghamel xi hsara jew

hassar jew gharraq xi haga, u cioe’ l-vettura LCB428 ta’ ghamla Isuzu ghad-dannu ta’ Joseph Pullicino u/jew persuni ohra;

5. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, ikkaguna hruq jew ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga, u cioe’ hsara fil-boundary wall tat-triq, ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta.

Rat illi l-imputat, fi stadju preliminari ta’ dawn il-proceduri, wiegeb illi ma kinx hati tal-istess.

Rat illi aktar tard, l-Avukat Generali baghat l-Artikoli taht liema hemm mahsuba li tista’ tinstab htija, u cioe’:

1. Fl-Artikoli 15(1)(a), (2) u (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Fir-Regolament 127 tal-Avviz Legali 128/94;
3. Fl-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. Fl-Artikolu 328(a) u (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
5. Fl-Artikolu 41 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;
6. Fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ukoll illi maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni u moqrija dawn l-Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal procedurdi sommarji (seduta 27 ta' Marzu, 2014).

Rat illi fis-seduta ta' nhar id-9 ta' Ottubru, 2014, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu – hawn anke ghazel illi jixhed l-imputat minn jeddu, b'mod xott u skjett hafna – pero rregistra li kien iddispjacieh ta' dak illi kien gara, cioe' talli fl-incident stradli kien miet in-neputi tieghu.

Jigi nnotat ukoll, illi l-imputat zamm anke ferm l-ammissjoni tieghu wara li l-Qorti taghtu anke zmien jahseb fuq l-istess.#

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti, nonostante l-ammissjoni registrata, thoss illi kellha tezaina l-atti biex tara jekk tistax tigi accettata din l-ammissjoni, u anke biex tkun tista' aktar tigi kkalibrata l-piena.

Rat ghalhekk fl-ewwel lok il-process verbal ezebit (rat ukoll il-konferma ta’ nomina ta’ din il-Qorti gia’ nominata fl-Ingenere).

Rat il-konkluzjonijiet peritali li maghhom qabel l-Inkwirenti.

Senjalament, hadet konoxxenza ta’ dak konkluz mill-Perit Tekniku, il-Perit Paul Micallef li qal:

*“Il-fatt illi l-vann kien mghobbi bir-radam u kien f’nizla qawwija kompla zied fil-velocita’ u momentum. L-impatt mal-barrikata kien qawwi hafna tant illi qaccat tliet (3) pilastri tal-barrikata u l-vann spicca maqlub bir-roti ‘l fuq f’qiegh il-wied madwar zewg (2) metri u nofs taht il-livell tat-triq;”*

Rat ukoll dak illi kkonkluda l-Espert Tekniku Joseph Zammit, illi kkonkluda:

1. Illi fid-29 ta’ Lulju, 2008, ghall-habta tal-hdax ta’ filghodu (11.00am) f’salib it-toroq bejn Triq il-Banjijiet Rumani u Triq Ghajn Tuffieha, limiti tal-Imgarr, Malta, sehh incident tat-traffiku;
2. Illi f’dan l-incident kien involut it-trakk tal-marka Isuzu bin-numru tar-registrazzjoni LCB428;

3. Illi dan it-trukk kien niezel it-triq il-Banjijiet Rumani biex jaqbad it-Triq Ghajn Tuffieha, u hemm min kien qed isuqu tilef il-kontroll, baqa' hiereg u habat faccata tan-nizla fejn kien hemm crash barrier u hajt li gew sfrondati u t-trakk baqa' niezel go wied li jinsab taht il-livell tat-triq fond ta' madwar tliet metri;
4. Illi hemm dan it-trakk inqaleb fuq il-gabina u dar in arja bil-quddiem tieghu, jigi jhares lejn il-hajt imwaqqa';
5. Illi f'dan l-incident tilef hajtu Pasquale Tagliaferro tifel ta' tlitt (3) snin li kien jinsab fil-gabina tal-istess truck, akkumpanjat minn zijuh Noel Tagliaferro, ix-xufier tat-truck u nannuh George Tagliaferro;
6. Illi mill-ezamijiet teknici li l-esponent ghamel fuq dan it-truck sabiex jistabilixxi t-telfien ta' kontroll li wassal li dan it-truck jahbat u jaqa' fil-wied, ma kinx jirirzulta li fuq dan it-truck qabel l-incident sehhete xi hsara teknika bhal ma huwa xi qtugh tal-steering jew xi puncture f'xi tyres;
7. Illi ghalkemm l-esponent sab li t-tyres tat-truck kienu malandati b'wear and tear, specjalment dak ta' wara tal-lemin tad-double wheel li kien jinsab kompletament lixx, dan fl-opinjoni tal-esponent ma kinx kagun tal-incident;
8. Illi mill-ezamijiet teknici li l-esponent ghamel fuq is-sistema tal-brakes, ma sab l-ebda leakages fuqha u wara l-incident l-istess sistema ta' brejkijiet kienet ghadha tiffunzjona;
9. Illi ghalkemm l-esponent ma setax jaghmel tesijiet ta' sewqan ta' din il-vettura minhabba l-hsarat kbar li garrbet, meta huwa pprova l-istess sistema manwalment, din is-sistema tal-brejks dejjem rabtet sufficjentement;
10. Illi ma jirrizultax li f'dan l-incident kien hemm involuta xi vettura ohra;

11. Illi fuq wick it-triq ghan-nizla sa fejn tispicca fi Triq Ghajn Tuffieha, ma nstabu l-ebda mpronti bhal ma huma ta' brake marks jew xi impronti ohra;
12. Illi t-toroq waqt l-incident u anke wara l-incident kienu jinsabu xotti;
13. Illi l-esponent jeskludi li dan l-incident sehh minhabba xi hsara teknika li garrbet din il-vettura nvoluta qabel ma sehh l-incident;
14. Illi t-trakk in kwistjoni bil-habta vjolenti u bil-waqa' li garrab, hemm garrab hsara tant estensiva li ma tissewwix u ghalhekk dan it-truck ma huwix tajjeb aktar biex jintuza fit-triq.
15. Illi l-kundizzjoni li dan it-truck kellu qabel l-incident dan kellu valur ta' tmint elef mija u hamsin Ewro (€8,150) ekwivalenti ghal madwar tliet elef u hames mitt lira Maltin (Lm3,500000), u dak illi minnu baqa' bhala wreck value qieghed jigi stmat ghal tliet mija u hamsin Ewro (€350) ekwivalenti ghal madwar mija u hamsin lira Maltin (Lm150.0);
16. Illi x-xhieda kollha fid-dettall dwar dan l-incident giet migbura mill-Perit Legali Dr Joseph Mifsud li wkoll asissta lill-Magistrat Inkwirenti Dr Silvio Meli waqt din l-Inkjesta."

**Dr Joseph Mifsud**, li assista lill-Magistrat Inkwirenti kemm waqt l-access kif ukoll ghall-konstatazzjonijiet tal-fatti, ippuntwalizza li t-truck, ghax kellu taghbija li taqbez it-tliet (3) tunnellati tal-akbar piz mghobbi, **kellu jinstaq bl-erbghin (40) kilometru fis-siegha**.

Rat ukoll il-konkluzjonijiet tal-patologisti u t-Tabib Forensiku.

**<u>Dr Mario Scerri</u>** ikkonkluda hekk:

*“*

1. *Illi Pasquale Tagliaferro kien passiggier fit-truck li spicca qabez il-crash barriers u spicca f’ghalqa ta’ taht it-triq fi Triq Ghajn Tuffieha;*

2. *Illi Pasquale Tagliaferro ddahhal l-Isptar Mater Dei;*

3. *Illi l-lezjonijiet deskritti fuq il-kadavru ta’ Tagliaferro kienu kompatibbli ma’ impatt vjolenti;*

4. *Illi ma kinx hemm lezjonijiet fuq il-kadavru ta’ Tagliaferro li dehru estranji ghall-incident jew li kienu suspettuzi;*

5. *Illi l-kawza tal-mewt ta’ Tagliaferro kienet relatata direttament mal-incident imsemmi.*”

**<u>Il-Profs Marie Therese Camilleri u Dr Ali Salfraz</u>** ikkonkludew, wara l-awtopsja kondotta fuq Pasquale Tagliaferro, illi dan miet kagun ta’ lacerazzjoni celebrali u frattura tal-iskutella tar-ras konsegwenti ta’ MVA.

Irrizulta wkoll mix-xhieda mismugha, illi l-vettura li biha sar l-incident kienet registrata fuq certu Joseph Pullicino.

**Luke Pullicino (iben Joseph)** ikkonferma li hu kien sellef it-truck lill-missier it-tifel li miet.

Rat ukoll ix-xhieda ta' **Stephen Tagliaferro**, hu l-imputat (missier il-mejjet Pasqualino). Qal dan illi ghalkemm hu qatt ma kien prezenti ghall-incident, qatt ma kellu xi hsieb illi da parti ta' huh kien hemm xi traskuragni nvoluta. Zied illi t-tifel dejjem kien jigri ghandhom, illi aktar jghix maghhom milli mieghu.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti m'ghandha ebda dubbju mill-htija tal-imputat, ma kien hemm ebda fattur iehor li seta' jispjega u jikkaguna l-incident stradli, ghajr ghal traskuragni kbira da parti tal-imputat fis-sewqan.

Ghaldaqstant issib il-htija tieghu ai termini ta':

- L-Artikoli 15(1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 225, 328(b) – ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Ir-Regolament 127 AL 128/94.

Semghet ukoll it-trattazzjonijiet tal-partijiet dwar il-piena idonea.

Tqis il-Qorti l-fedina penali nadifa tal-imputat, li meta hargu l-Artikoli rregistra ammissjoni, u anke l-piena li ghal tul hajtu kollha jrid igorr talli kagun ta' traskuragni grossolana u sewqan perikoluz u bla kont, ikkaguna l-mewt ta' tifel ta' tlitt (3) snin - neputieh.

Qieset illi fil-fatt, fic-cirkostanzi, il-piena idonea m'ghandhix tkun dik karcerarja effettiva u qieghda, considerando l-gravita' tal-kaz – mewt ta' tarbija, tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ta' tminn (8) xhur sospizi ghal sena u nofs (1½), wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tikkundannah ukoll ghal sospensjoni ta' kull licenzja tas-sewqan ghal zmien tlitt (3) xhur.

Tikkundannah ukoll ,wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal €2,977.22, konvertibbli dawn f’piena karcerarja skont il-Ligi;

Rat ukoll l-Artikolu 14 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u qieghda tawtorizza lil Noel Tagliaferro jhallas l-istess spejjez peritali f’rati mensili ta’ erba’ mitt Ewro (€400) fix-xahar, b’dan illi gie spjegat lilu l-import ta’ nuqqas ta’ adempjenza ma’ tali skadenzi.

Tikkundanna lil Joseph Pullicino, bhala sid il-vettura fi zmien tal-incident, ihallas is-somma ta’ hames mitt Ewro (€500), u dan wara li rat l-Artikolu 41 t al-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, tenut kont tar-responsbbilita’ tieghu kif kien mizmum il-van in kwistjoni (double wheels ghal kollox lixxi kif anke kkonkludew il-Periti fl-Inkjesta ezebita), stante wkoll il-hsara minnu kagunata fil-barriers.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------